**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/119/20/S

Carmela German
Vs
Lift Services Ltd

Illum 2 t'Awwissu,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmela Germanipprezentata fl-10 ta'Settembru,2020 u r-risposta tas-socjeta Lift Services Limited ipprezentata fid-9 t'Ottubru,2020;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, ix-xhieda prodotti u l-avukati rispettivi;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'stairlift' mahdum 'custom made' mis-socjeta intimata u li r-rikorrenti qed tallega li ma sarx skont il-ftehim ta' bejgh;

Illi jinghad mal-ewwel li dan it-Tribunal hass il-bzonn li jara l-post fejn gie mqieghed l-'istairlift' u li ghadu fil-post ghalkemm mhux imwahhal;

Illi t-tarag tar-rikorrenti hu dejjaq specjalment it-tieni indana ta' tarag;

Illi jidher bic-car li fit-tieni indana jekk jghaddi dan kien se jkun bl-ezatt bil-periklu li min ikun fuq l-istairlift jista' jahbat mal-hajt u jwegga'. Dan gie ammess anki mix-xhud Brian Habel meta stqarr li fl-idjaq parti ikun jibqa' xi 2 jew 3 centimetri;

Illi ghalkemm gie allegat mill-haddiema tas-socjeta intimata li huma spjegaw kif se jehel l-istairlift lir-rikorrenti, dan

pero ma jezonerax lil min ibiegh li jipprovdi dak miftiehem u tal-kwalita miftehma;

Illi ma jidhirx li gie spjegat sufficjentement lir-rikorrenti kif kien se jitwahhal l-istairlift u kemm se jkun hemm spazju bejn min juza' l-istairlift u l-hajt. Dan l-ahhar punt hu krucjali ghal persuna bhar-rikorrenti fil-qaghda medika li tinsab fiha;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti ghandha tintlaqa' ghax it-Tribunal ma jhossx li gie spjegat lir-rikorrenti sew kif kien se jsir ix-xoghol ghax kieku ma kinitx tordnah;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Carmela German filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Lift Services Limited u Jordna lis-socjeta Lift Services Limited tirrifondi lura id-depozitu mhallas u cioe €3450 lir-rikorrenti u tiehu lura l-imsemmi 'stairlift', b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru